

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2012, li tirrifjuta b'mod impliċitu l-aċċess għal dokument prodott fil-kuntest ta' operazzjoni ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6166 — NYSE Euronext vs Deutsche Börse); u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma adottatx deċiżjoni fuq it-talba tar-rikorrent għal aċċess għal dokument speċifiku fit-terminu previst mill-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 1049/2001⁽¹⁾. Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament, dan jikkostitwixxi deċiżjoni impliċita negattiva u mhux ġustifikata u għaldaqstant jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-aċċess għal dokumenti.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni preliminari tagħha, ma jiġġustifika r-rifjut li jingħata aċċess lir-rikorrent għad-dokument mitlub.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331)

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2012 — Banco Bilbao Vizcaya Argentaria vs UASI (VALORES DE FUTURO)

(Kawża T-428/12)

(2012/C 366/75)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenzi: Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA (Bilbao, Spanja) (rappreżentanti: J. de Oliveira Vaz Miranda Sousa u N. González-Alberto Rodríguez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla l-parti tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-4 ta' Lulju 2012, fil-Każ R

2299/2011-2, li tikkonferma r-rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 9 408 758; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "VALORES DE FUTURO" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 36 u 41 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 408 758

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2012 — Distillerie Bonollo et vs Il-Kunsill

(Kawża T-431/12)

(2012/C 366/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenzi: Distillerie Bonollo SpA (Formigine, l-Italja); Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA (Borgoricco, l-Italja); Distillerie Mazzari SpA (Sant'Agata sul Santerion, l-Italja); Caviro Distillerie Srl (Faenza, l-Italja); u Comercial Química Sarasa, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: R. MacLean, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012, tas-26 ta' Ġunju 2012, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari ta' Ċina⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament ikkontestat") sa fejn id-dazji antidumping applikabbli għal Ninghai Organic Chemical Factory u Changmao Biochemical Engineering Company Co. Ltd ġew stabbiliti illegalment, abbażi ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li vvizjaw il-miżura, bi ksur tal-Artikoli 2 u 11(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009⁽²⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku anti-dumping"), ta' ksur tad-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenzi u ta' nuqqas ta' raġuni valida tar-Regolament ikkontestat.